MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 654/2002/1

**Mirage Holdings Ltd.
Vs
Mario Antonelli**

**It-Tribunal**

Wara li ra l-avviz ghall-kundanna tal-konvenut ghal-hlas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' erba mija u zewg liri Maltin (Lm 402.00c), in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u seba u sebghin lira Maltin (Lm 377) import ta' hdax (11)-il kambjala hawn annessi u mmarkati dokumenti 1,2,3,4,5,6,7,8,9,10 u 11 u li d-data tal-maturita taghhom skadiet u in kwantu ghas-somma ta' hamsin u ghoxrin (Lm25) liri Maltin bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq l-istess ammont.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gi ngunt ghas-subizzjoni.

Ra lil-konvenut debitament notifikat baqa ma prezentax risposta

Ra n-nota ta’ riduzjoni prezentata fid-9 ta’ Dicembru 2002.

Sema’ lil Avv Dr Kenneth Cutajar jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadhu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici limitament ghas-somma ta’ tlett mija tnejn u disghin (Lm392) u jikkundanna lil-konvenut ihallas l-istess somma bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------